**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 15

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 15 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 2020 fl-4pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
15.5 Rapporti;
15.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
15.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
15.8 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
15.9 Aġġornament dwar it-talba għall-permess t'imwejjed u siġġijiet mis-Soċjetà Mużikali Santa Marija;
15.10 Il-Festi tal-Lokal Matul dan is-Sajf;
15.11 Il-Pagamenti li Jsiru Minn u Lill-Kunsill Lokali fix-xhur li Ġejjin;
15.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
15.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-15-il Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 2020 fl-16:00 fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-18:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 15.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

15.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija x'tinqara.

## 15.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

15.2.1 Il-Minuti tal-14-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

15.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 15.3, 15.4 u 15.5 jiġu diskussi wara Minuta 15.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 15.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

15.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi sewwa u bħalissa qiegħed jitpoġġa x-shutter bi preparazzjoni għas-saqaf tal-ewwel sular u qal li jittama li fil-ġimgħat li ġejjin jingħata s-saqaf.

15.6.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar it-terrapien li hemm fiż-żona fejn qiegħed isir ix-xogħol fi Triq Nicolò Communet, fil-parti fejn ser jiġi l-bandli.

15.6.3 Is-Sindku wieġeb li dak mhuwiex biss terrapien u hemm ħafna ħamrija

minnu li ser tintuża' fil-bandli li ser isir fi Ġnien Nicolò Communet.

15.6.4 Żied li dak it-terrapien probabbli jitneħħa fil-ġimgħat li ġejjin wara li jispiċċa l-użu tiegħu, għaliex s'issa għadhom qed jużaw minnu.

## 15.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

15.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'dan il-proġett dħalna f'saga, imma rnexxielna nibdew it-tieni fażi.

15.7.2 Qal li wara li waqafna mill-ewwel ħajt li nbeda ġimgħat ilu minħabba li kellna ordni mill-Qorti sabiex nieqfu, bdejna t-tieni ħajt, imma wara li twaqqa' u tnaddfet iż-żona nstabu żewġ gandotti.

15.7.3 Minħabba f'hekk kellna nieqfu għal ftit minħabba li s-Sovvratindenza tal-Wirt Kulturali talbu li jsiru xi rapporti dwar dawn il-gandotti.

15.7.4 Il-probbabilità hi li dawn il-gandotti ser jimtlew biż-żrar u jinksew b'xi materjal sabiex ma jingħalqux għalkollox, u l-ħajt jinbena fuqhom kif kien oriġinarjament.

## 15.8 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI

15.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara l-aħħar laqgħa kellna appuntament mad-Direttur is-Sur Noel Montebello, fejn għaliha kienu preżenti hu flimkien mal-Kunsilliera Marion Parnis u s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

15.8.2 Qal li matul il-laqgħa mas-Sur Montebello ġew diskussi xi punti, bħal pereżempju x-xiri tal-ikel, kif ukoll il-proċess ta' tiswija tal-annimali.

15.8.3 Barra minn hekk, tkellimna dwar l-iskema l-ġdida li għalqet il-ġimgħa li għaddiet, fejn fiha ddiskutejna kif ser nipproċedu u għalxiex nistgħu napplikaw.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

15.8.4 Is-Sindku spjega li llum intbagħtu s-sejħiet għall-kwotazzjonijiet minħabba l-ikel tal-qtates u fil-futur ser jintbagħtu oħrajn minħabba t-tiswija tal-annimali.

15.8.5 Fisser kif hu diġà tkellem ma' persuna li s-soltu tiġbor l-annimali, teħodhom għall-operazzjoni u żżommhom għandha sakemm jirkupraw, imma mbagħad irridu niċċekkjaw ma' liema veterinarji naħdmu.

15.8.6 Qal li jekk indaħħlu lil din il-persuna magħna nkunu rridu nagħtuha ċertu rinumerazzjoni.

15.8.7 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li jekk kemm-il darba għandna feeders irreġistrati li jridu jieħdu l-qtates li jagħlfu huma sabiex jissewwew, allura m'għandu jkun hemm l-ebda problema.

15.8.8 Żiedet li l-persuna li qiegħed isemmi s-Sindku xorta tista' tgħinna minħabba li hemm qtates jiġru barra li jew mhumiex parti minn kolonja, jew inkella jinsabu f'żoni li l-cat feeders mhumiex familjari tagħhom.

15.8.9 Dwar it-tqassim tal-ikel lill-cat feeders, il-Kunsilliera Parnis qalet li l-iskema għadna ma bdejnihiex, u kien illum stess li ntbagħtu l-kwotazzjonijiet tal-ikel.

15.8.10 Fissret li s'issa la għadhom tqassmu vouchers u lanqas ikel lill-ebda cat feeder.

15.8.11 Dawn il-vouchers ser jibdew jitqassmu f'Awwissu li ġej.

15.8.12 Is-Sindku tkellem dwar it-tieni skema, fejn din ma tinkorporax fiha t-tiswija tal-annimali u l-ikel għax din ser issir mill-Animal Welfare stess, imma applikajna għal materji oħra bħalma huma l-edukazzjoni, it-tindif taż-żoni fejn ikunu magħlufa l-qtates u kontenituri fejn jieklu u jixorbu l-qtates.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 15.9 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TALBA GĦALL-PERMESSI T'IMWEJJED U SIĠĠIJIET MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA MARIJA

15.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna lura mingħand is-Segretarju tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija.

15.9.2 Qal li bħala Kunsill Lokali rridu naraw jekk insibux oġġezzjoni għat-talba ta' din is-Soċjetà.

15.9.3 Saret diskussjoni dwar is-sigurtà tal-individwi li jkunu qegħdin barra fuq l-imwejjed u s-siġġijiet, u ssemma' kif il-qsari ser iservu ta' 'barrikati' għal dawk li jkunu barra.

15.9.4 Is-Sindku ppropona li għandna naċċettaw it-talba tas-Soċjetà għaliex tista' tkun parti mill-proġett "Slow Streets."

15.9.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din it-talba ġaladarba jinħarġu l-permessi mingħand l-awtoritajiet konċernati.

## 15.10 IL-FESTI TAL-LOKAL MATUL DAN IS-SAJF

15.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-festi ta' din is-sena ser isiru differenti minn dak li konna nesperjenzaw fis-snin ta' qabel, u dan effett tal-pandemija tal-Covid-19.

15.10.2 Fisser kif għal din is-sena ser isiru ċ-ċelebrazzjonijiet solenni fil-Knisja Parrokjali u l-pellegrinaġġi.

15.10.3 Qal li bħala Kunsill Lokali għamilna avviż lil tal-gabbani li l-permessi għall-festi f'Awwissu u f'Settembru jinsabu miftuħa, imma ma tantx kellna rispons.

15.10.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk hux ser isiru xi riċevimenti mill-Kunsill Lokali fil-festi u s-Sindku wieġeb fin-negattiv.

15.10.5 Is-Sindku tkellem dwar l-arbli fi Triq it-Tempesta u qal li t-toqob għadhom ma sarux, u dawn mhumiex ser isiru qabel jiġu ċċelebrati il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

festi ta' din is-sena.

15.10.6 Żied li għandna konferma minn Infrastruttura Malta li dawn ser isiru imma ġaladarba jitlesta' x-xogħol fi Triq it-Tempesta.

## 15.11 <u>IL-PAGAMENTI LI JSIRU MINN U LILL-KUNSILL LOKALI FIX-XHUR LI ĠEJJIN</u>

15.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li ser iħalli l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jispjega aktar fid-dettall dwar dan il-proċess.

15.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-aħħar xhur mindu faqqgħet il-pandemija kienu ta' sfida għall-Kunsill Lokali, għaliex apparti li diversi fergħat tal-banek għalqu, kien hemm banek li ma bdewx jaċċettaw muniti.

15.11.3 Dan kollu ħoloq problema fil-pagamenti li nirċievu, fosthom tal-kirjiet tal-għelieqi u tad-djar, kif ukoll il-ħlasijiet taċ-ċitazzjonijiet.

15.11.4 Spjega kif il-Bank BOV qiegħed jipprova li jaqta' ċ-ċekkijiet li jinħarġu, tant li jekk persuna jew kumpanija toħroġ aktar minn 99 ċekk f'sena waħda, allura l-ewwel darba jkollha tħallas pagament ta' €100, imbagħad għal kull ċekk li jinħareġ trid tħallas €1 addizzjonali.

15.11.5 Fisser kif inbeda proċess sabiex jinġabru l-IBAN numbers tal-kuntratturi u persuni oħra li jitħallsu mill-Kunsill Lokali sabiex innaqqsu drastikament in-numru ta' ċekkijiet li jinħarġu sabiex ma nkunux affettwati minn dawn il-miżuri ġodda.

15.11.6 Bħala ħlasijiet li jsiru fl-uffiċċju, irridu nesploraw il-possibbiltà jekk għandniex indaħħlu s-sistema EPOS, jiġifieri li persuni jkunu jistgħu jaqbdu u jħallsu bil-karta ta' kreditu tagħhom, inkella nsibu mezzi oħra kif isiru l-ħlasijiet, biex kemm jista' jkun innaqqsu l-muniti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

15.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

15.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol ta' manutenzjoni mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet fi Triq Rokku Buhagiar suppost kellu jibda f'April li għadda.

15.3.1.1 Spjega kif il-ħsieb kien li jibdew minn ftit 'il fuq minn kantuniera ma' Triq il-Kbira, fejn kellhom jaqilgħu l-kubetti sabiex tiġi rranġatha s-sodda u wara jsiru kubetti ġdid.

15.3.1.2 Żied li bħalma spjega fl-aħħar laqgħa, kien hemm problema tal-ilma fis-sede tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, u li wara sena u nofs instab tarf minn fejn kienet ġejja l-problema.

15.3.1.3 Fisser kif il-problema ġiet skoperta ftit tal-jiem qabel kellu jibda x-xogħol ta' tiswija fi Triq Rokku Buhagiar u allura x-xogħol li kellu jsir ġie pospost.

15.3.1.4 Il-posponiment tax-xogħolijiet kellu jkun għal diversi ġimgħat, u oriġinarjament dan il-fatt ma tantx inkwetana minħabba li suppost il-festi ma kellhomx isiru.

15.3.1.5 Biss malli l-Kurja ħabbret li jistgħu jsiru l-pellegrinaġġi, allura x-xenarju nbidel għalkollox, u issa l-ħsieb hu li din it-triq tiġi rranġatha wara l-21 ta' Settembru, meta tkun għaddiet il-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

15.3.1.6 Qal kif s'issa partijiet minn din it-triq diġà ġew irranġati darbtejn u reġgħu sfrundaw, jew 'serrħu', pjuttost aktar milli kienu qabel.

15.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-bus shelter ta' Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq il-Warda.

15.3.2.1 Qal li llum tpoġġiet il-bażi ta' dan il-bus shelter u fil-jiem li ġejjin probabbli jiġi installat.

15.3.2.2 Dwar il-bus shelter l-ieħor, kantuniera ma' Triq il-Kartaġiniżi qal li hemmhekk għandna problema għaliex s'issa għadu ma ġiex deċiż fejn dan ser jiġi rilokat.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

15.3.2.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk tistax issir xi ħaġa temporanja sabiex il-karozzi tal-linja jieqfu xorta waħda.

15.3.2.4 Is-Sindku wieġeb li għalissa ma ddeċidewx fejn ser jiġi l-bus shelter u għalhekk l-arblu li nqala' u li jindika Bus Stop għadu ma twaħħalx.

15.3.2.5 Il-Kunsill Lokali qabel li niktbu lil Transport Malta sabiex isir bus stop temporanju sakemm ikun deċiż fejn ser isir il-bus shelter il-ġdid.

15.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-cables li hemm fi Triq it-Tempesta.

15.3.3.1 Qal li l-ħsieb kien li dawn jingħaddu minn taħt l-art, imbagħad jitilgħu mal-faċċati tad-djar imma qed ikollna problema mar-residenti għaliex ħafna ma jixtiqux li jkollhom wires telgħin mal-faċċata.

15.3.4 Is-Sindku tkellem dwar ix-xewqa tal-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur Julia Farrugia Portelli li tiġi rranġatha mhux biss il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja imma anke ż-żona tal-madwar.

15.3.4.1 Għadda biex juri pjanta tal-proposta tal-Perit Henry Attard li huwa mqabbad mill-Ministeru.

15.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-poeżiji 'Mat-Taħbit ta' Qalbi' tal-mibki ex Sindku Nikol Aquilina.

15.3.5.1 Qal li l-familja Aquilina xtaqet li tagħti din it-tifkira lill-Kunsillieri kollha kif ukoll ingħataw kotba lil-libreriji pubbliċi li għandna f'pajjiżna.

15.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 3 tal-GAL Xlokk u qal li l-ktieb li kellu jiġi ppubblikat tlesta.

15.3.6.1 Qal li l-kitba tiegħu qiegħda għand l-istampatur u fil-jiem li ġejjin mistenni jkun ipprintjat.

15.3.6.2 Is-Sindku staqsa jekk għandiex issir tnedija ta' dan il-ktejjeb, flimkien ma' Din l-Art Ħelwa, u f'dak il-każ issir lejn l-aħħar ta' dan is-sajf.

15.3.6.3 Ippropona li din it-tnedija ssir maġenb it-Torri Xutu f'Wied iż-Żurrieq.

15.3.6.4 Tkellem ukoll dwar il-mobile app li konna tkellimna fuqha għal din il-Miżura u wera x-xewqa li sal-laqgħa li ġejja nkunu mexxejna ftit fuqha.

15.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-librerija pubblika tal-Qrendi u qal li fl-2019 din kienet l-aktar waħda li ntużat madwar Malta.

15.3.7.1 Għaldaqstant qal li tkun ideali jekk nivvutaw €1,000 sabiex jinxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika.

15.3.7.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

15.3.8 Is-Sindku tkellem dwar in-network of towns u wara l-pandemija tal-Covid-19 ser jitkomplew il-proġetti.

15.3.8.1 Qal li din id-darba tkun ideali jekk l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri jitla' miegħu f'Venezja, l-Italja għal erbat ijiem ta' laqgħat.

15.3.8.2 L-Ambaxxatur ser ikun qiegħed jikkonferma fil-jiem li ġejjin u jekk ma jkunx jista' hu ser jitla' l-Kunsillier Daniel Farrugia.

15.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-playing field tal-Ġnien Dama Cecilia Pick (Ġnien tal-Warda) u qal li wara li t-tender intrebaħ, issa bdew il-preparamenti biex jinġieb il-materjal.

15.3.9.1 Qal li diġà saret laqgħa fuq is-sit u jidher li f'temp ta' ħames ġimgħat minn meta jibda x-xogħol it-tisbiħ tal-bandli għandu jkun lest.

15.3.9.2 Fejn preżentament hemm il-bandli ser ikun qiegħed isir apparat tajjeb biex jilagħbu t-tfal, filwaqt li fl-open gym li ser isir ftit metri 'l bogħod ix-xogħol ser jinbeda fil-jiem li ġejjin.

15.3.10 Dwar e-mail tas-Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes, is-Sindku rrimarka li hemm ix-xelter tal-gwerra li għadu miftuħ, u li jittama li sakemm jaslu l-festi dan ikun magħluq jew inkella ma jkun ta' periklu għal ħadd.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

15.3.10.1 Dwar il-konferma li mhux ser isiru xogħolijiet fi Triq Rokku Buhagiar sal-20 ta' Settembru, is-Sindku rrimarka li diġà tkellimna dwar dan il-punt aktar kmieni fl-istess Minuti.

15.3.11 Dwar e-mail tas-Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes għal permess ta' BBQ fi Triq Antonio Chircop, maġenb l-istatwa tal-Madonna, is-Sindku qal li dan jista' jsir, speċjalment la mhu ser isir l-ebda tisjir barra fuq il-pavimentar.

15.3.11.1 Qal ukoll li jekk kemm-il darba ser tindaqq xi mużika, din għandha titwaqqaf sal-23:00 minħabba r-residenti li joqgħodu fl-akwata.

15.3.11.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda dak li qal is-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

15.3.12 Is-Sindku tkellem dwar e-mail li rċevejna mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar dwar is-sejħa għall-offerti tat-tender tad-dawl tal-istess Reġjun.

15.3.12.1 Qal li hu jipproponi li ningħaqdu ma' Kunsilli Lokali oħra għal din it-tender li ser ikun qiegħed jieħu ħsiebha r-Reġjun.

15.3.12.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

15.3.13 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza li rċevejna mingħand Transport Malta dwar l-isleeping policemen ta' Triq San Mattew u Triq il-Panorama.

15.3.13.1 Qal li għadna qed nistennew rappreżentant ta' Transport Malta minħabba l-isleeping policemen ta' Triq San Mattew, sabiex naraw fejn ser isiru eżatt u qabel isiru rridu nikkonsultaw mar-residenti.

15.3.13.2 Dwar it-Triq il-Panorama qal li b'kollox ser isiru tliet sleeping policemen u żewġ rumble strips matul it-triq.

15.3.13.3 Dan ġie deċiż wara laqgħa ma' rappreżentant ta' Transport Malta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 15.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

15.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar il-knis fil-lokalità tal-Qrendi u jekk tistax issir timetable ta' kif jaħdem il-kennies malli jinħareġ it-tender il-ġdid.

15.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li din il-proposta ilha maħsuba u jkun jagħmel sens jekk nattwawha, kif ukoll tintuża s-sistema li nkunu nafu minn fejn għadda permezz ta' datatrack.

15.4.1.2 Żied li s-sejħa għall-offerti li jmiss ser tinħareġ aktar tard matul din is-sena.

15.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis xtaqet tipproponi jekk il-binja numru 60 fi Triq il-Kbira, dik li l-Kunsill Lokali kien jikri sa Diċembru 2019, għandux ikun propost lill-Awtoritajiet tas-Saħħa sabiex tintuża bħala Berġa.

15.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li nistgħu ngħaddu din il-proposta lill-Awtoritajiet tas-Saħħa, biss xorta waħda ma jarax il-proposta daqstant vijabbli meta wieħed iqis li kulma hemm huwa toilet wieħed, u jridu jsiru diversi alterazzjonijiet.

*Il-Kunsillier Daniel Farrugia ħalla l-laqgħa fis-18:00*

15.4.3 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar id-doggy bins li kellhom isiru fil-lokalità.

15.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li fadlilna żewġ doggy bins li rridu ninstallawhom, imma jistgħu jsiru aktar.

15.4.3.2 Il-Kunsilliera Parnis qalet li hemm diversi toroq li għad m'għandhomx doggy bins, fosthom iż-żona tal-Ħniena, Wied iż-Żurrieq u anke fi Triq Ħaġar Qim.

15.4.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar jekk sarx progress dwar l-impjieg ta' persuna klerikali fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

15.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li rridu nkellmu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex naraw kif nistgħu nipproċedu minħabba li donnu kollox waqaf sforz tal-pandemija.

15.4.5 Il-Kunsillier Zerafa staqsa dwar il-grawnd tal-knisja, li hemm wara ċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

15.4.5.1 Qal li dan huwa tal-knisja, imma forsi bħala Kunsill Lokali nkunu nistgħu nidħlu f'taħdidiet mal-knisja sabiex naraw x'nistgħu nagħmlu sabiex jiġi żviluppat.

15.4.5.2 Is-Sindku wieġeb li huwa minnu li dan il-grawnd jinsab vojt u mitluq, biss bħala Kunsill Lokali ninsabu ristretti kemm nistgħu ninfluwenzaw xi deċiżjoni jew oħra għaliex fil-verità hemmhekk hija proprjetà tal-Knisja Parrokjali.

## 15.5 <u>RAPPORTI</u>

15.5.1 Il-Kunsillier Marion Parnis qalet li bħalissa l-applikazzjonijiet tal-Lifelong Learning jinsabu miftuħin għal min jixtieq japplika.

15.5.1.1 Tkellmet dwar liema korsijiet jistgħu jiġu offruti mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi imma issa rridu naraw kemm ser japplikaw persuni għal dawn il-korsijiet.

15.5.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li hemm għoxrin tim li ser jieħdu sehem fit-tournament ta' nhar il-Ħadd li ġej organizzat mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

15.5.2.1 Qal ukoll li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ser tkun qed tagħti xi mementos lil kull parteċipant.

15.5.3 L-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri tkellem dwar il-videos li ser isiru mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ li juru l-ħidma tal-Kunsill Lokali.

15.5.3.1 Qal li ser jitfassal pjan ta' kif ser jinħadmu dawn il-videos u jagħti aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 15.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

15.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €35,726.60 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 07/20 u €234.81 skont il-*Petty Cash* Ref X/06.

15.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

15.12.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

15.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 15.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

15.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:30 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 20 t'Awwissu fl-16:00.

Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-ħin tal-laqgħa.

____________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

____________________

**David Schembri**
**Sindku**